

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Medjazzjoni](#) > [Medjazzjoni Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Portugal](#)

Medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Portugall

Portugall



Il-medjazzjoni hija wieħed mill-mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR) fil-Portugall, flimkien mal-arbitraġġ u l-qrati għal talbiet żgħar (*julgados de paz* - Kummissarji tal-Ġustizzja). Il-Liġi Nru^o 29/2013 tad-19 ta' April 2013 (il-"Liġi dwar il-Medjazzjoni") tistabbilixxi l-qafas nazzjonali għall-medjazzjoni bħala wieħed mill-mekkaniżmi ta' ADR. Il-liġi tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali applikabbli għall-medjazzjoni fil-Portugall - irrISPettivament min-natura tat-tilwima li hija s-suġġett tal-medjazzjoni - u r-regoli legali dwar il-medjazzjoni ċivili u kummerċjali, il-medjaturi u l-medjazzjoni pubblika. Il-Liġi dwar il-Medjazzjoni tinkludi dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "Medjazzjoni" hija forma ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim li titwettaq minn entitajiet pubbliċi jew privati u li permezz tagħha żewġ partijiet jew iktar f'tilwima jipprovaw minn jeddhom jilħqu ftehim bejniethom bl-għajnuna ta' medjatur;
- "Medjatur" huwa terza persuna imparzjali u indipendenti, mingħajr ebda setgħa li timponi x'azzjoni għandha tittieħed fuq il-partijiet li jirċievu l-medjazzjoni, u li tgħinhom jaslu għal ftehim finali dwar il-kwistjoni tat-tilwima.

Natura tal-medjazzjoni u tal-ftehimiet bil-medjazzjoni

L-użu tal-medjazzjoni huwa għalkollox volontarju. Il-proċedura tal-medjazzjoni hija kunfidenzjali. Din il-kunfidenzjalità tista' titneħħa biss għal raġunijiet ta' politika pubblika - b'mod partikolari biex jiġu protetti l-aħjar interessi tat-tfal - jew meta l-integrità fiżika jew psikoloġika ta' persuna tkun f'riskju, jew meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi applikat jew eżegwit il-ftehim miksub permezz tal-medjazzjoni, u sal-punt biss li jkun meħtieġ fil-prattika biex jiġu protetti l-partijiet ikkonċernati. Il-kontenut tas-sessjonijiet ta' medjazzjoni ma jistax jintuża bħala evidenza minn qorti.

Il-ftehim li jintlaħaq permezz tal-medjazzjoni jkun eżegwibbli dment li:

1. ikun relatat ma' tilwima li tista' tkun soġġetta għall-medjazzjoni, u l-liġi ma tkunx tirrikjedi r-ratiffika minn qorti;
2. il-partijiet ikollhom il-kapaċità li jilħqu dan il-ftehim;
3. ikun intlaħaq permezz ta' medjazzjoni mwettqa skont it-termini stipulati mil-liġi;
4. il-kontenut tiegħu ma jiksirx il-politika pubblika;
5. kien jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' medjatur reġistrat fil-lista ta' medjaturi miżmuma mill-Ministeru għall-Ġustizzja. Din il-lista tinsab [hawnhekk](#).

Ftehim bil-medjazzjoni miksub permezz tal-medjazzjoni fi Stat Membru ieħor tal-UE li jkun konformi mal-paragrafi a) u d) ta' hawn fuq ikun eżegwibbli jekk ikun eżegwibbli wkoll fis-sistema legali ta' dak il-pajjiż.

Oqsma li fihom l-użu tal-medjazzjoni huwa ammissibbli u l-aktar komuni

Il-medjazzjoni hija ammissibbli f'materji ċivili, kummerċjali, kriminali, tal-familja u tal-impjeg. F'dawn it-tliet oqsma tal-aħħar, hemm sistema ta' medjazzjoni pubblika, u kull qasam għandu r-regoli speċifiċi għalih.

Il-*julgados de paz* għandhom servizz tal-medjazzjoni li huwa kompetenti sabiex jagħmilha ta' medjatur fi kwalunkwe tilwima li tista' tkun soġġetta għall-medjazzjoni anki jekk ma tkunx taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-*julgados*

de paz.

Status tal-medjaturi

Il-Liġi dwar il-Medjazzjoni tinkludi kapitolu ddedikat li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-medjaturi (l-Artikoli 23 sa 29). Il-medjaturi jridu jaġixxu wkoll f'konformità mal-[Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Medjaturi](#).

Ma hemm l-ebda korp pubbliku responsabbli għat-taħriġ tal-medjaturi; dawn jitħarrġu minn korpi privati li huma ċċertifikati mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja (*Direção-Geral da Política de Justiça*) taħt l-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali (*Portaria*) Nru 345/2013 tas-27 ta' Novembru 2013.

Spiża tal-medjazzjoni

Kull parti involuta fil-kawża tkun meħtieġa tħallas EUR 50 biex tagħmel użu mis-servizz pubbliku tal-medjazzjoni tal-familja, ħlief fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- meta tkun ingħatat għajjnuna legali;
- meta l-kawża tkun intbagħtet għall-medjazzjoni b'deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja skont l-Artikolu 24 tal-qafas legali tal-proċedura ta' tutela ċivili (*Regime Geral do Processo Tutelar Cível*);
- meta, fuq talba tal-partijiet, jew bil-kunsens tagħhom, huma jkunu ntbagħtu għall-medjazzjoni b'deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja jew mill-kummissjoni għall-protezzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġħ bħala parti minn proċedimenti pendenti ta' protezzjoni tat-tfal.

L-użu tas-servizz pubbliku tal-medjazzjoni kriminali huwa mingħajr ħlas.

Kull parti involuta fil-kawża trid tħallas tariffa ta' EUR 50, mingħajr ħsara għall-għoti ta' għajjnuna legali, biex tagħmel użu mis-servizz pubbliku ta' medjazzjoni għall-impjegji.

Minbarra dawn it-tariffi għall-użu ta' servizzi pubbliċi ta' medjazzjoni, il-medjaturi reġistrati biex jipprovdu dawk is-servizzi wkoll jitolbu tariffi; l-ammonti huma fissi iżda jiddependu fuq jekk jintlaħaqx ftehim jew le u x'miżuri jkunu ttieħdu biex intlaħaq il-ftehim.

Fil-każ ta' medjazzjoni fil-*judgados de paz*, jekk jintlaħaq ftehim, kull parti jkollha tħallas EUR 25.

L-ispejjeż tal-medjazzjoni privata jiġu ddeterminati mill-medjatur magħżul mill-partijiet.

Informazzjoni utli oħra

Il-korp tal-gvern responsabbli għar-regolazzjoni tal-medjazzjoni pubblika huwa d-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja (DGPJ), permezz tal-Uffiċċju għas-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (*Gabinete de Resolução Alternativa de Litígios* - GRAL). [Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja](#). Id-DGPJ ma jagħtix informazzjoni dwar kif wieħed isib medjatur, iżda jżomm [listi ta' medjaturi fis-servizzi pubbliċi tal-medjazzjoni](#). Skont il-leġiżlazzjoni dwar il-medjazzjoni pubblika, ladarba tkun ittieħdet id-deċiżjoni biex tinbeda l-medjazzjoni, jintgħażel medjatur awtomatikament.

L-aħħar aġġornament: 07/08/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.